KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 22

**It-Tlieta 18 ta' Novembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Maurice Agius – Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Andrew Mallia – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 22.1 Qari tal-Apoloġiji

22.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Mallia minħabba li kien reġa' beda jattendi l-Università kif ukoll minghand Margaret ghax imsiefra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

22.1.2 **Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.**

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 21

22.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 21, li kienu meqjusa moqrija.

22.2.2 Fuq talba tal-Kunsillier Chircop kien hemm qbil li para. 21.12.6 jiġi jaqra kif ġej: *Il-Kunsillier Chircop informa li fi Triq Garcin fil-kantuniera hemm żewġ garaxxijiet u li sema' li dawn applikaw għal supermarket bil-parkeġġ. Fuq suġġeriment tiegħu kien hemm qbil li l-Kunsill ikellem lis-sid u jekk jikkonfermalna, nitolbuh jikkunsidra li wara l-għeluq, il-parkeġġ jintuża mir-residenti.*

22.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 21 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 22.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sindku informa li fuq il-parkeġġ tal-Iskola Primarja kien għadu bla risposta.

22.3.2 Is-Sindku informa li għadu qed jistenna risposta mingħand IM għal laqgħa dwar ir-rawndebawt il-ġdida approvata riċentament mill-Awtorità tal-Ippjanar fi Triq il-Wied.

22.3.3 Is-Sindku informa li kienet intbagħtet email dwar il-proposta tar-residenti tas-Swatar lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara iżda sal-ġurnata għadna ma rċevejniex risposta.

22.3.4 Is-Sindku informa li l-ġurnata ta' qabel kien hemm il-laqgħa tar-Reġjun Lvant u l-proġett hekk kif propost mill-Kunsill għall-iskema tal-€15,000 ġie approvat, kemm-il darba ssir il-plakka li turi li l-lift inxtara b'ko-finanzjament tal-Kunsill Reġjonali Lvant. Is-SE se tibda tikkoordina dak kollu li hemm bżonn biex dan il-proġett jitwettaq.

22.3.5 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mas-CEO tal-LESA dwar Triq il-Kunċizzjoni u l-proposta tal-cameras biex din it-triq tkun aċċessibbli biss għall-Misidjani. Is-Sur Flores kien laqa' din l-idea u ssuġġerixxa li l-Kunsill jixtri l-cameras apposta biex imbagħad jitqabbdu ma' software u apparat li diġà huwa installat fl-uffiċini tal-LESA u s-sistema titħaddem fuq l-istess linji tal-lokalità tal-Imdina u taż-Żurrieq, jiġifieri jkollhom aċċess biss dawk il-vetturi li jkunu rreġistrati fuq residenti Misidjani u l-ftit li jkunu ngħataw aċċess mill-Kunsill. Il-kumplament tal-vetturi, jekk jidħlu se jaqilgħu multa. Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni biex isiru biżżejjed sinjali u possibbilment għal numru ta' ġranet ikun hemm xi gwardjani biex iwaqqfu l-vetturi milli jidħlu. Is-SE infurmat li jekk din tiġi approvata u l-Kunsill imexxi biha, minbarra dak li ssuġġerixxa l-

Kunsillier Chircop, ikun hemm ukoll bżonn ta' promozzjoni qawwija dwarha biex possibbilment ħafna mis-sewwieqa li kienu jużawha jibdew jgħaddu minn toroq oħra. Kien hemm qbil li l-iskop ta' din il-proċedura mhuwiex li jsir qligħ minn fuq is-sistema iżda li jitnaqqsu l-vetturi li jidħlu bla bżonn f'din it-triq li tagħmel parti mill-UCA tal-lokalità.

22.3.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kont ta' €116 mingħand l-Awtorità tal-Artijiet dwar il-kamra tal-bandli. Hija kienet se tieħu ħsieb tiktbilhom biex tinfurmahom li din il-kamra m'għadhiex teżisti u li l-Kunsill kien qed jitlob li meta l-proġett jitlesta, qed issir talba biex l-Awtorità tassenja kamra oħra lill-Kunsill għall-istess użu.

## 22.4 Laqgħa tal-Lokalità

22.4.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kif stipulat fil-liġi għall-Gvern Lokali Kap 363, Artiklu 70 (1)(a), għandha ssir laqgħa pubblika sabiex jiġu preżentati l-estimi finanzjarji għas-sena li tkun ġejja.

22.4.2 Hawnhekk infurmat li b'kumbinazzjoni ftit tal-ġranet qabel il-Kunsill irċieva l-allokazzjoni għas-sena d-dieħla li hija ta' €688,863 u għadha trid tagħmel il-laqgħa mal-Accountant dwar l-estimi finanzjarji (il-budget għas-sena 2026).

22.4.3 Fid-dawl li l-laqgħa ta' Diċembru se ssir fil-bidu tax-xahar u huwa fil-viċin wisq kien hemm qbil li l-laqgħa tal-lokalità tinżamm f'Jannar qabel il-laqgħa tal-Kunsill minflok il-laqgħa mal-Liaison Officer.

## 22.5 Attivitajiet tal-Milied fl-Imsida

22.5.1 Is-SE infurmat li l-posters kollha tal-attivitajiet tal-Milied issa kienu lesti u kienu se jibdew jittellgħu wieħed wieħed fuq il-mezzi soċjali sabiex ir-residenti jkunu jafu bihom. Hija infurmat ukoll li kellha poster tal-attivitajiet kollha stampat u stiednet lill-Kunsilliera biex jieħdu ftit minnhom u jagħtuhom lil xi ħwienet fil-viċin tar-residenza tagħhom.

22.5.2 Is-Sindku informa li hu tkellem ma' tal-iskola, tal-iscouts u tal-armar biex jara għandhomx bżonn ta' xi biljetti għall-kunċert. Ħeġġeġ ukoll lill-kunsilliera biex jiġbru l-biljetti tagħhom u jħajru oħrajn biex jattendu.

22.5.3 Hawnhekk is-SE infurmat li se jkun hemm xi spejjeż extra li ma kinux ġew ikkalkulati meta saret l-applikazzjoni, bħal Security għall-iskola u xi dawl u sound extra minħabba li s-sound room tal-iskola m'hijiex mgħammra għal kunċert ta' dan il-kalibru.

22.5.4 Hija infurmat ukoll li kienet ħadet ħsieb li tinforma lid-DLG dwar xi tibdil fil-ġranet mill-programm oriġinali u dawn kienu bagħtulha l-approvazzjoni qabel ma bdew jiġu xxerjati l-posters fuq il-media.

22.5.5 Hawnhekk is-Sindku informa li l-MTA kienu kkonfermaw li se jagħtu *sponsorship* ta' €3500 għat-tiżjin tal-Milied, u l-Kunsill Reġjonali Lvant kien se jgħaddi €4,000 oħra bħala parti mill-iskema tad-dekorazzjonijiet tat-toroq. Huwa informa wkoll li l-Kunsill kien irċieva €1450 fi *sponsorships*, u hemm €7600 oħrajn li ġew imwegħda iżda li għadhom ma tħallsux.

## 22.6 Żjara f'Sardegna

22.6.1 Is-Sindku informa li matul il-weekend li għadda, il-grupp tal-banda kien informa lis-SE li l-bandisti ma setgħux jattendu u għaldaqstant wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera kollha saret stedina lil grupp ta' mużiċisti magħrufa u dawn kienu aċċettaw. Mal-grupp kienet se tingħaqad ukoll fotografa kif ukoll membru ieħor mill-Imsida Sea Scouts.

22.6.2 Hawnhekk ġiet issuġġerita wkoll Charmaine, residenta li taħdem il-filugranu.

22.6.3 Is-SE infurmat li kienet għamlet talba għal kwotazzjoni għall-assikurazzjoni għall-ivvjaġġar li tkopri lil kulħadd kif ukoll il-kostumi u l-instrumenti tal-mużiċisti. Il-Kunsill qabel.

22.6.4 Kien hemm qbil li għandha ssir talba lill-Busy Bee sabiex jagħti xi ħlewwiet żgħar biex jitqassmu mar-residenti ta' Ardara.

22.6.5 Is-SE infurmat li kienet ħadet ħsieb li tordna plakka kif ukoll ritratti tal-Imsida biex jiġu preżentati bħala rigali waqt iż-żjara. Hija infurmat li dawn ir-ritratti kienu ġew ġentilment mgħoddija lill-Kunsill bla ħlas mis-Sur Eric Aloisio.

22.6.6 Is-SE issuġġeriet li jkun hemm transport għall-membri tal-Kunsill minn u lejn l-ajruport. Il-Kunsill qabel.

## 22.7 Riżenja tal-*Handyman* tal-Kunsill

22.7.1 Is-SE infurmat li l-ħaddiem li kien beda jaqdi dmiru bħala handyman minn l-1 ta' Ottubru kien irriżenja nhar is-7 ta' Novembru.

22.7.2 Kien hemm qbil li s-sejħa li jmiss tkun fuq 40 siegħa u minflok fuq skala 18 tinħareġ fuq skala 16.

22.7.3 Is-SE infurmat li kienet irċeviet 10 applikazzjonijiet għall-vakanza ta' skrivan (Clerical Officer) iżda wieħed biss kien eliġibbli. Kienet saret l-intervista aktar kmieni dakinhar u l-bord kien qabel li jiġi aċċettat. Il-Kunsill approva.

## 22.8 Offerta KLMsd/TDR/05/2024 – *Tender for the Embellishment of Pjazza Victor Denaro in Msida* – Kumitat tal-Evalwazzjoni

22.8.1 Is-SE infurmat li kienet infetħet l-offerta tat-tender tal-ġnien ta' Pjazza Victor Denaro u kien hemm 5 offerenti.

22.8.2 Is-SE infurmat li fuq il-bord tal-evalwazzjoni se jkun hemm żewġ membri minn Project Green kif ukoll hi bħala Segretarja iżda hemm bżonn ta' żewġ membri oħra. Kien hemm qbil li għandhom ikunu l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Baldacchino Cefai.

## 22.9 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

22.9.1 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li l-Kunsillier JC Borg kien issuġġerixxa sleeping policeman għal Triq l-Irmiġġ. Kien hemm qbil li għandna nikkonfermaw eżatt f'liema punt.

22.9.2 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li kien hemm persuna li qed jipparkja l-wheelchair f'parkeġġ fi Triq l-Għajn tal-Ħasselin. Is-SE infurmat li ilhom isiru rapporti dwaru mal-għassa tal-pulizija. Se terġa' tara li jintbagħat rapport ġdid.

22.9.3 Għall-mistoqsija tal-kunsillier Chircop is-SE infurmat li l-ittra tal-MUSEUM kienet għad ma sabitx il-ħin tagħmilha.

22.9.4 Il-Kunsillier Chircop informa li l-kollettur tal-iskart qed jgħaddi fis-7:00am jew is-7:15am. Hawnhekk is-Sindku ta rendikont tad-deċiżjoni tal-kunsill reġjonali dwar il-kuntratt tal-ġabra tal-iskart.

22.9.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar jekk infurmajnihomx li tiġi pruvata bil-lejl, is-Sindku informa li iva imma għalissa r-Reġjun għadu qed jistenna risposta mill-Ministru.

22.9.6 Hawnhekk skuża ruħu l-Kunsillier C. Borg. Il-ħin kien is-7:35pm.

## 22.10 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

22.10.1 Il-Kunsillier C. Borg informa li kienu se jiġu organizzati żewġ attivitajiet tal-proġett Sublime, waħda fit-23 ta' Novembru mill-KNZ (EcoXperience Fair ġewwa l-Università); u oħra s-Sibt 29 ta' Novembru mill-FoTM (Roots and Repair Cafe fil-Furjana).

22.10.2 Il-Kunsillier Farrugia informa li kien iltaqa' mal-engineer dwar il-problema tal-Għajn tal-Ħasselin. Dan kien issuġġerixxa li titnaddaf u li jiġu installati pompi apposta li jwaddbu l-chlorine biex ma jikbirx ħażiż. Sadanittant qed nistennew rapport ta' sample tal-ilma. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Farrugia kien hemm qbil li possibbilment dawn jitħallsu minn IM.

22.10.3 Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar x'kien li qed jikkawża l-problema fl-Għajn tal-Ħasselin f'dawn l-aħħar xhur. Hawnhekk ġie ssuġġerit lis-SE sabiex tkellem lis-SE preċedenti għaliex meta nbniet xi binja ġdida, jidher li kien informa li kien hemm problema b'xi kommunikazzjoni ġdida tad-drenaġġ.

22.10.4 Is-SE infurmat li hi wkoll kellha laqgħa ma' persuna mill-PWD fejn urietu s-sitwazzjoni tal-Għajn. Dan kien se jara mas-superjuri tiegħu jistgħux jagħtuna l-għajnuna u jkellimha lura.

22.10.5 Il-Kunsillier Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-*engineer* kien irrakkomanda wkoll li jsir xi tip ta' lqugħ biex il-ħmieġ ma jibqax nieżel fl-għajn meta tagħmel ix-xita. Kien hemm qbil li qabel tittieħed xi deċiżjoni, issir konsultazzjoni mas-Sur Kenneth Cauchi (SCH).

22.10.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar it-tarġa tal-vann, is-SE infurmat li l-aħħar informazzjoni li kellha kienet li qed nistennew appuntament mingħand is-supplier.

22.10.7 Il-Kunsillier Agius talab li jinqala' doggie bin li jinsab fi Triq Xatt l-Imsida minħabba li qiegħed viċin tal-gallariji tar-residenti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

22.10.8 Is-Sindku informa li kien irċieva talba mingħand l-Arċipriet sabiex jistieden lill-Kunsill għall-inawgurazzjoni tar-restawr tal-orgni tal-Parroċċa. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel tajjeb għall-istampar tal-fuljett tal-okkażjoni sakemm jiġi inkluż il-logo tal-Kunsill fuqu.

22.10.9 Il-Kunsillier Agius informa li l-festin tal-Milied tal-anzjani se jinżamm nhar il-5 ta' Diċembru u se jkun hemm *impersonator* ta' Michael Jackson. Huwa stieden lill-Kunsilliera biex jattendu.

22.10.10 Il-Kunsillier Agius għamel talba biex il-parkeġġ ta' ħdejn il-ġibjun isir fuq bażi ta' *residents parking only*. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill għamel diversi talbiet simili mal-Ministru Bonett imma jidher li din l-iskema hija preżentement sospiża.

22.10.11 Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni li l-kont tan-nar tal-Festa ta' San Ġużepp kien għadu pendenti. Is-SE wieġbet li kienet se taċċerta li jitniżżel fuq il-lista.

## 22.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

22.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-22), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Farrugia issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 22.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

22.14.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-9 ta' Diċembru 2025 fil-5:00pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Ryan informa li dwar il-grada ta' fuq il-pont, din għadha ma saritx għalkemm ġiet ordnata.

Dwar il-laqgħa mal-H&S Officers, kien se jiġi kkonfermat hux se ssir il-laqgħa nhar il-Ġimgħa. Is-Sindku talab lil Ryan biex il-kommunikazzjonijiet ma' IM isiru bil-miktub u biex jiġbdilhom l-attenzjoni li l-Kunsill mhux responsabbli għal kwalunkwe inċident li jista' jiġi kkawżat.

Ryan informa li temporanjament il-bus stop se jsir wieħed ħdejn is-site office u ieħor ħdejn l-għassa.

Ryan qal li skont ma ġie infurmat, sal-aħħar tas-sena il-flyover se tkun infetħet. Wara għandu jsir it-tarmak ta' Triq Mikiel Anton Vassalli quddiem il-Kunsill Lokali.

Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni ta' Ryan dwar l-importanza li l-Kunsill ikun jaf meta jkun se jsir xi tibdil tat-tabelli, direzzjonijiet, eċċ għaliex mhux sewwa li r-residenti jċemplu u jiġu l-uffiċċju tal-Kunsill mingħajr ma aħna nkunu nafu li sar it-tibdil.

Ryan kien ġie mitlub jikkonferma biex jekk meta jkun hawn il-Ministru jistgħux jistiednu lill-Kunsill ukoll. Il-Periti infurmawh li l-istedina toħroġ mill-Ministeru u mhux mingħand IM.

Dwar Triq Clarence, Ryan informa li din kellha ssir sa nofs Diċembru. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li hemm żewġ ħofriet kbar bid-drenaġġ.

Ryan informa li wara Triq Clarence, kien se jibda għaddej ix-xogħol ħdejn l-Avis. Għall-mistoqsija tiegħu, is-SE infurmat li t-tower crane kellu permess sal-aħħar ta' Diċembru.

Ryan ġie mistoqsi jekk hemmx xi risposta dwar ir-rawndebawt ta' ħdejn il-BoV. Huwa informa li kien ġie mitlub jirrispondi biex il-Kunsill jikteb lill-Ministru direttament.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Baldacchino Cefai, is-SE infurmat li l-Periti ta' IM kienu għaddewlha pjanta tal-pożizzjoni tal-istatwa waqt l-ewwel laqgħa li kellha fejn issemmiet l-istatwa ta' San Ġużepp. Hija kienet għaddiet din il-pjanta lill-periti tal-Kunsill iżda ma rrealizzatx li ma kinitx il-pożizzjoni t-tajba għaliex ma kienet għadha taf xejn dwarha. Sfortunatament ġara li l-applikazzjoni li ddaħlet kienet bil-pożizzjoni li diġà hemm approvazzjoni fuqha. Hija skużat ruħha mal-Kunsill u infurmat li wara li kkonfermat il-lokazzjoni t-tajba mal-Kunsillier JC Borg u s-Sagristan, kienet bagħtet il-pjanta t-tajba.

Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg informa li l-bridge li nfetaħ għat-traffiku qiegħed b'żewġ karreġġjati għalkemm jifhem li dan huwa b'mod temporanju. Huwa staqsa lil Ryan għaliex dan fl-ebda ħin ma kien ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li se jsir dan it-tibdil.

Il-Kunsillier JC Borg ġibed ukoll l-attenzjoni ta' Ryan għaliex waqt l-aħħar laqgħa li nżammet bejn IM, il-membri tal-Kunsill kif ukoll l-entitajiet, huwa ma kienx preżenti għaliha.

Is-Sindku qal lil Ryan biex jiġbed l-attenzjoni tal-periti li l-kunsilliera kollha esprimew id-diżappunt tagħhom bis-sitwazzjoni u staqsa jekk ir-rwol ta' Ryan għadux effettiv għaliex mhux qed jiġi mgħarraf bl-informazzjoni neċessarja biex ikun jaf x'inhu għaddej u sussegwentament jgħarraf lill-membri tal-Kunsill. Huwa talbu jagħmel dan bil-miktub.

Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg skuża ruħu. Il-ħin kien is-5:45pm.

Inġibdet l-attenzjoni li Triq Mons Falzon kienu għadhom ma qalulniex meta se tinfetah lura.

Hawnhekk Ryan ikkonferma li huwa jkollu laqgħa fil-ġimgħa mal-Periti ġewwa Ħal Luqa.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:00pm.

*****